GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 7 ta' Novembru 2022 **Ref:** DLAP 260/2022

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Generali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Eos, Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten u tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett: 'Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema' – Kors qasir għall-Ġenituri/Kustodji ta' Trabi**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, tixtieq tgħarraf lill-ġenituri/kustodji ta' trabi ta' sena u tfal żgħar sa tliet snin li se terġa' torganizza l-kors **Il-Ġenituri l-Ewwel Għalliema /** ***Parents the First Teachers*****.**
Waqt dan il-kors ta' 5 sessjonijiet, il-ġenituri/kustodji flimkien ma' wliedhom jipparteċipaw f'attivitajiet interattivi li jistgħu jsiru wkoll id-dar minn età bikrija biex it-tfal jiżviluppaw il-ħiliet bażiċi fejjieda tal-lingwa u l-litteriżmu. Il-ġenituri/kuraturi jiġu mħeġġa jipprattikaw dawn l-attivitajiet id-dar mat-tfal tagħhom.
Il-kors li jmiss se jsir kull nhar ta' Tlieta mid-9.30 sal-11.00 ta' filgħodu, mit-Tlieta 8 ta' Novembru 2022 sat-Tlieta 6 ta' Diċembru 2022 fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun.

Min huwa interessat jattendi għandu jċempel 25982999 jew inkella jibgħat ittra elettronika lil aqra.storja@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**